# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Mario Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 647/13**

**Illum, 13 ta' Settembru, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 291170M akkuzat talli f'Settembru 2012, u matul dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Matul ix-xhar ta' Jannar tal-2013, gewwa l-Furjana, ikkommetta serq ta' apparat elettroniku u ogetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi 2,329.37 euro, u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Go plc. u/jew persuni ohra;

2) F'Gunju 2013 gewwa l-Furjana ikkommetta serq ta' ghoddod u ogetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix 2,329.37 euro, u li sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija Go plc. u/jew persuni ohra;

3) U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dott. Miriam Hayman LL.D., f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, kif ukoll li jirrinkaza ruhu mhux aktar tard mill 23.00hrs, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jghamel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija hija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Mario Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 4500 euro bhala depozitu u 23300 euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Finalment akkuzaw lil Mario Farrugia talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 277) datata tnax (12) ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn elenka l-Artikoli taht liema tista' tinstab htija jew htijiet:

1. Fl-Artikoli 18, 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014 l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja u tigi deciza minn din il-Qorti.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti.

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw allegat serq ta' *cables* u affarijiet ohra bhall-ghodda li jappartjenu lill-kumpanija GO.

Illi xehed l-**Ispettur Arthur Mercieca** li spjega li nsterqu zewg skrejjen ta' vapuri mill-Marsa u mis-CCTV *footage* rrizulta li kien intuza vann ta' Godwin's Garage u *"fost l-ohrajn kien hemm ukoll Mario Farrugia"* li huwa gharaf fl-awla. Dawn instabu f'ghalqa gewwa Birzebbugia fejn nstabu wkoll ammont ta' pajpijiet suwed li rrizultalu li jappartjenu lill-kumpanija GO. L-imputat ikkonferma li l-ghalqa kienet tieghu u qal li l-*cables* gabarhom ghaliex kienu *leftovers* ta' GO izda meta l-Pulizija kkuntattjat lill-GO cahdu kompletament li huma jhallu xi *leftovers*.

Illi xehdet **WPS 217 Alison Formosa** li kkonfermat ir-rapport PIRS esebit bhala Dok. AM4.

Xehdet ukoll **Charmaine Galea Triganza** (Fraud Prevention Officer mal-GO) li esebiet *CCTV footage* (Dok. CGT1) fejn jidhru persuni jaqtghu *cables* u jiehdu affarijiet ohrajn. Il-persuni kienu b'wicchom mghammad. Ziedet li l-istima li saret fuq il-*cable* li sabu nieqes telghet ghal erbgha u disghin elf ewro (€94,000). Qalet ukoll li huma rrapportaw li gie nieqes *cable armoured* mill-mina. Dak ta' Sa Maison qalet li ghalkemm kien nieqes ma kienx *armoured*. Qalet li mis-CCTV dehru jiehdu oggetti ohra bhall-acitilena, *driller* u affarijiet ohra. Minn Sa Maison qalet li sabu nieqes *cable* b'valur totali ta' wiehed u ghoxrin elf ewro (€21,000). Ix-xhud ikkonfermat ukoll li l-i*switch boards* huma apparat li kienu juzaw il-GO fil-passat.

Riprodotta qalet li mir-ritratti esebiti a fol. 99 et seq hija gharfet *"ix-sheet tal-cable, qxur tal-cable taghna".* Qalet li l-*cable* huwa *armoured* minhabba l-grieden u dak it-tip ta' *cable* jintuza biss fil-mina tal-Belt. Hija kkonfermat li dak huwa l-*cable* li huma sabu li kien nieqes; apparti minhekk ghandu wkoll TeleMalta mitkub fuqu ghaliex qabel il-GO kienet TeleMalta.

Inkontroezami l-istess xhud qalet li fir-rigward ta' Sa Maison ikollhom rekord ta' *stock taking* ghar-rigward il-*cables*. Hija kkonfermat li meta iddentifikat il-*cables* li gabru l-Pulizija hija ma setghetx tiddentifika liema *cables* kienu mis-serqa ta' Settembru u liema kienu mis-serqa ta' Jannar: "*definitely not.*" Lanqas ma ghamlet ezercizzju biex tikkonferma t-tulijiet ta' *cable* mill-munzell li kien hemm fil-Kwartieri Generali: *"No. Rajt il-cable dik id-darba biss u daqshekk, qatt ma gbarnieh."* Ikkonfermat ukoll li ma kinitx involuta fil-kawza ta' Jannar meta tressqu zewg persuni u ammettew l-akkuzi dedotti kontrihom. Qalet li tiftakar ukoll li kien hemm certu wiehed Anthony li qabduh fil-fatt fuq il-post u li ma kienx l-istess persuna li dehret mis-CCTV ghaliex l-istatura tieghu kienet differenti. Ix-xhud qablet mal-avukat difensur illi ghar-rigward dak li ghandhom fuq is-CCTV jistghu jorbtuh ma' data izda dak li mhuwiex fuq is-CCTV ma jistghux jorbtuh ma' data. Qablet ukoll li ma jistghux jorbtuh ma' data ghaliex ma jmorrux hemm ta' kuljum biex jiccekkjaw x'hemm u x'm'hemmx ghalhekk isiru jafu li hemm xi haga nieqsa granet jew xhur wara.

Xehed **George Zammit Endrich** (*technician* mal-GO) li kkonferma li gharaf is-sett tal-acitilena li wrietu l-pulizija bhala dak li gie

misruq. Gharaf ukoll oggetti ohra li kienu neqsin u li sabu l-pulizija.

Inkontroezami qal li cempillu Franco Pace biex imur jara x'hemm nieqes fl-i*stores* peress li nsterqet xi ghodda. Qal li mar ma' Edward Polidano u raw li kien hemm kompressur, *driller* u acitilena neqsin. Qal li mar id-Depot flimkien ma' Edward Polidano wkoll fejn identifikaw l-acitilena minhabba certu dettalji partikolari li kellha. Ix-xhud ikkonferma li huwa personalment m'ghandux informazzjoni meta nsterqet l-acitilena.

**Edward Polidano**, *technician* iehor mal-GO, ukoll qal li attenda l-Kwartieri Generali fejn gharaf l-oggetti li kienu neqsin. Huwa gharafhom ghax kellhom xi marki jew boltijiet partikolari.

Inkontroezami x-xhud qal li ma jiftakarx li Franco Pace qallu li fl-opinjoni tieghu ma sehhitx serqa. Qal li jista' jkun li qal li kollox kien jinsab ghan-normal pero` qal li hemm hafna ghodda fl-i*stores* ta' Sa Maison u jista' jaghti l-kaz li ma tawx kaz dak il-hin. Ikkonferma li l-i*stores* ta' Sa Maison ma jintuzawx kuljum allura

ma kinux marru l-gurnata ta' qabel l-allegat serqa pero` zied li kienu jafu x'hemm u x'ma hemmx. Ikkonferma pero` li ma jistax jghid meta l-haga giet nieqsa. Qal ukoll li huwa ma ta l-ebda *serial number* lill-Pulizija tal-acitilena ghalkemm dan in-numru facilment jista' jinkiseb. Qal li gharaf ic-cilindru minn xi emendi li saru fuqhom da parti tal-GO. Zied li d-*driller* huwa qatt ma kien rah id-Depot.

Illi xehdet l-**Ispettur Kylie Borg** li qalet li wara li raw is-CCTV iddentifikaw is-sid tal-vann li ntuza ghall-allegat serqa u l-istess sid hadhom fejn tpoggew l-iskrejjen u cioe` gewwa ghalqa go Birzebbugia. Qalet li sabu wkoll bosta *cables* tar-ram li kellhom miktub fuqhom Telemalta. Dawn il-*cables*, flimkien ma' *cables* ohrajn li ma kellhomx Telemalta miktub fuqhom, gew identifikati mill-kumpanija GO. Hija esebiet kopja tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tal-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D. datata 12 ta' Gunju 2009 (Dok. KB1 a fol. 229).

Inkontroezami l-Ispettur Borg ikkonfermat li Kevin Pace kien tressaq fuq serq ta' skrejjen u li anki hemm sentenza fil-konfront

tieghu f'dan ir-rigward. Ikkonfermat ukoll li l-imputat mhux qed jigi akkuzat bis-serq ta' skrejjen.

Xehed ukoll **PS 1417 Stephen Tarpey** li qal li dahal rapport li certu persuni dahlu f'post maghruf bhala l-GO Stores li jinsabu f'Sa Maison, Floriana, u nsterqu xi *cables*.

Xehed ukoll l-**Ispettur Arthur Mercieca** fejn esebixxa zewg *samples* ta' *switch boards* li kienu elevaw minn ghalqa li rrizultaw li kienu tal-GO. Dawn gew esebiti bhala Dok. AM6. L-Ispettur esebixxa wkoll tliet sentenzi li gew moghtija fil-konfront tal-imputat (Dok. AMY a folio 264 et seq).

Xehed **PC 910 Sean Pace** li esebixxa faxxiklu ta' ritratti (Dok. SP1) tal-oggetti elevati mill-ghalqa inkwistjoni.

Xehed ukoll **PS 659 Jeffrey Hughes** li esebixxa r-relazzjoni tieghu (Dok. JH1) u serje ta' oggetti (Dok. JH2 sa JH6).

Rat il-proces verbal redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke a folio 134 et sequitur.

Xehed **Joseph Mallia** li seduta stante ha l-impronti tal-imputat u pprezentahom. Aktar tard ipprezenta wkoll rapport tieghu (Dok. JM1) fejn mill-ezami komparattiv ikkonstata li l-impronta qablet ma' parti mill-pala tal-id ix-xellugija tal-istess imputat.

Xehed **PS 644 Evan Camilleri** li kkonferma r-relazzjoni tieghu a folio 99 li kien ghamel flimkien ma' PC 910 Sean Pace.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2019 l-avukat difensur talbet li l-istqarrija tal-imputat tigi dikjarata inammissibbli u ghalhekk il-Qorti halliet il-kawza ghal digriet dwar l-istess. Illi fit-2 ta' Marzu 2020 l-Qorti tat digriet fejn gie deciz illi l-istqarrija tal-imputat datata 9 ta' Lulju 2014 ghandha tigi skartata flimkien ma' dik l-evidenza/xhieda kontenuta fl-atti processwali li hija intrinsikament konnessa ma' tali stqarrija.

Xehdet ukoll **Donnalise Camilleri** li pprezentat *social enquiry report* li gie mmarkat bhala Dok. DC1. F'dan ir-rapport gie rrakkomandat

li l-imputat ikompli l-programm tal-PIP u jzomm kuntatt mal-agenzija Caritas anke wara li jigi komplut il-programm. Gie suggerit ukoll li Mario jinghata kura psikologika sabiex jindirizza l-problemi li kellu kemm fil-passat, kif ukoll fil-prezent, u li setghu tefghu mpatt fuqu u tefghuh fit-triq il-hazina.

Xehdet ukoll ir-rapprezentanta tal-Caritas **Maria Caruana** li spjegat x'inhu l-programm tal-PIP u qalet li l-imputat huwa bniedem *caring* u li qieghed jahdem u jekk jibqa' sejjer kif inhu x-xoghol izommu.

Illi l-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel tliet akkuzi jirrigwardaw serqiet differenti u cioe` wahda li grat f'Settembru 2012, ohra li grat f'Jannar 2013 u ohra f'Gunju 2013. Kif irreteniet tajjeb id-difiza l-istqarrija tal-imputat giet skartata bhala prova fuq digriet tat-2 ta' Marzu 2020 u

ghalhekk il-Qorti trid tqis biss il-provi l-ohra li tressqu mill-Prosekuzzjoni li huma di natura taghhom provi cirkostanzjali.

Illi ghar-rigward is-serqa ta' Settembru 2012 jirrizulta li kollox beda minn rapport dwar serq ta' zewg skrejjen tal-vapuri u meta nstabu dawk l-iskrejjen gewwa ghalqa nstabu wkoll numru ta' pajpijiet suwed, senjatament *cables* li allegatament jappartjenu lill-GO. Gie ribadit fl-atti processwali li l-pajpijiet li nstabu fl-ghalqa kienu ta' kulur iswed. Anki x-xhieda tal-Ispettur Kylie Borg tikkonferma dan ghaliex hija tghid li fuq barra tal-għalqa kien hemm numru konsiderevoli ta' *covers* ta' *cables* tar-ramm. Sahanistra mir-ritratti tas-SOCO jirriżulta li dak li nstab go din l-ghalqa ma kienx ram però kien proprju l-*casing* tieghu. Kif irrilevat id-difiza, l-inkjesta dwar is-serqa ta' Settembru 2012 tghid car u tond li l-*cables* kienu jitqaxxru fuq il-post u minn fuq il-post kien jittiehed biss il-*copper wire*. Dan ifisser *multo magis* li dak li nstab gol-ghalqa ma jistax jintrabat mas-serqa li allegatament sehhet f'Settembru tas-sena 2012 ghaliex jekk wiehed jargumenta li hija l-istess serqa allura wiehed jippretendi illi jinstab ir-ram go din l-istess ghalqa u mhux il-*cable covers (casings).* Di fatt ma nstab l-

ebda ram f'tali ghalqa. Kif argumentat id-difiza, dak li nstab gol-ghalqa u dak li nstab gol-mina jeskludu lil xuxlin.

Illi ghaldaqstant inholoq kunflitt bejn dak li tistabilixxi l-inkjesta u dak li nstab fl-ghalqa. Dan il-kunflitt per konsegwenza jintroduci l-element ta' dubju.

Illi l-element tad-dubju jerga' johrog meta l-Qorti tigi biex tezamina l-provi dwar min huwa s-sid tal-ghalqa fejn instabu l-iskrejjen u l-*cable covers*. L-Ufficjal Prosekutur qal li mill-informazzjoni taghhom irrizulta li l-ghalqa tappartjeni lill-imputat izda minn imkien fl-atti processwali ma tirrizulta prova dwar dan. Il-Qorti fil-kamp kriminali ma tistax tkun moralment konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni li l-ghalqa tappartjeni lill-imputat minn semplici deposizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur minghajr ma gie prezentat l-ebda att pubbliku f'dan is-sens.

Illi apparti minhekk il-*Fraud Prevention Officer* tal-GO **Charmaine Galea Triganza** qalet car u tond li meta identifikat il-*cables* li gabru l-pulizija hija ma setghetx tiddentifika liema *cables* kienu mis-

serqa ta' Settembru u liema kienu mis-serqa ta' Jannar. Di fatti hija rrispondiet id-domanda tal-avukat tad-difiza dwar jekk iddentifikatx il-*cables* billi qalet: "*definitely not*." Ziedet tghid li huma ma jmorrux jiccekkjaw ta' kuljum u allura ma jistghux jghidu jekk xi haga kienet ilha nieqsa mill-post granet jew xhur. Dan allura jfisser li s-serq ta' *cables* u sahansitra dak ta' apparat elettroniku ma jistax jintrabat ma' data partikolari; ghalhekk ghal darb'ohra hemm dubju serju, din id-darba dwar meta l-allegat serq sehh.

Illi Charmaine Galea Triganza tghid ukoll li s-serqa li tidher fuq is-CCTV *footage* jista' jintrabat ma' data izda dak li mhuwiex fuq is-CCTV ma jistax. Effettivament huwa minnu li dak li jidher fuq is-CCTV *footage* jista' jintrabat ma' data partikolari pero` l-persuni li jidhru f'dan il-*footage* ghandhom wicchom mghotti u ghalhekk hadd ma jista' jintgharaf minn tali *footage.*

Illi in oltre, Charmaine Galea Triganza tghid li hija ma dahlitx fis-serqa ta' Jannar, u cioe` dik li tirrigwarda t-tieni akkuza fejn id-data inkriminata hija propju x-xahar ta' Jannar ta' 2013.

Ghaldaqstant ghal din l-akkuza ma tezisti l-ebda prova li tista' torbot ma' din l-akkuza ghaliex anki x-xhud principali tghid li ma kinitx involuta dak iz-zmien.

Illi semmai l-unika prova cirkostanzjali li hija ta' relevanza hija l-*fingerprint* li giet misjuba fuq sigarett gewwa l-mina ta' Sa Maison li taqbel ma' dik tal-imputat. Minkejja din il-prova pero` l-Qorti xorta wahda ma tistax tkun moralment konvinta meta taghmel ness bejn tali *fingerprint* u l-akkuzi kif dedotti u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni xorta wahda ma eliminatx l-elemenet ta' dubju. Fil-fatt ghalkemm il-mina tinsab f'post pubbliku, ma ressqet l-ebda prova dwar kif wiehed jista' jaccedi ghal tali mina u jekk hemm xi kancell jew katnazz li jimpedixxi lill-persuni milli jimxu f'tali mina. Apparti minhekk l-unika *fingerprint* li ttiehdet kienet propju minn sigarett izda ma gie elevat l-ebda *lifter* minn *cables* u oggetti ohra li jappartjenu lill-GO u li kienu jinsabu fil-mina. Ghaldaqstant hawnhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova.

Illi tenut kont li ma tressqux aktar provi fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, il-Qorti tqis li ma tista' qatt tkun moralment

konvinta li l-imputat wettaq serq ta' *cables*, apparat elettroniku u oggetti ohra f'Settembru 2012, Jannar 2013 u Gunju 2013. Certament f'proceduri kriminali l-element ta' dubju ghandu jiffavorixxi lill-imputat izda anki jekk semmai ma kienx hemm l-element ta' dubju, il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, li huma kollha cirkostanzjali, ma jwasslux ghal sejbien ta' htija.

Illi dwar ir-raba' akkuza, kif issottomettiet ben tajjeb id-difiza fit-trattazzjoni taghha, jirrizulta car li l-akkuza ta' riċettazzjoni hija minghajr data. Ghaldaqstant din l-akkuza qatt ma tista' legalment treggi ghax hija mankanti minn wiehed mill-elementi necessarja li ghandu jkun fiha l-att ta' citazzjoni u dan jesigi d-disposizzjoni 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu jghid:

> *"360 (2) Ic-citazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija lanqas fir-rigward ta' din l-akkuza.

Illi gjaladarba l-Qorti mhijiex ser issib htija fil-konfront tal-imputat hija m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-hames akkuza li tittratta l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja u lanqas ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni tar-recidiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Mario Farrugia hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

-------------------------------------

**Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**